MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 214/2012

AB

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi il-kontendenti zzewgu fl-10 ta’ Lulju tas-sena elfejn u erbgha (2004) u liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta bin-numru elf mija u tlieta u sebghin tas-sena elfejn u erbgha (1173/2004) (Dok A);
2. Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni ppubblikat fit-30 ta’ Awissu tas-sena elfejn u sebgha (2007), fl-atti tan-Nutar Dr. Vanessa Pool (Dok B);
3. Illi l-kontendenti ilhom aktar minn erba’ snin separati de facto u legalment, u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;

4. Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponent tixtieq titlob id-divorzju u / jew hall taz-zwieg minn zewgha l-intimat;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi :

1. tiddikjara d-divorzju u / jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-30 ta’ Awissu tas-sena elfejn u sebgha (2007), fl-atti tan-Nutar Dr Vanessa Pool; u
2. tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u / jew hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta’ April, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat illi ir-rikorrenti ikkonfermat ir-rikors bil-gurament taghha;

Semghet lill-intimat jixhed;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta’ Awissu 2007u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u illi skond l-istess kuntratt ta’ separazzjoni il-partijiet kienu irrinunzjaw ghal kull jedd illi jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-

divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------